

# San Ġorġ Preca u Sidtna Marija

## *Imħabba u Devozzjoni*

EDWARD CAMILLERI

Kif ilkoll nafu, ftit tax-xhur ilu kellna l-okkazjoni li flimkien nifirħu u nfaħħru 'l Alla, għall-grazzja kbira li tana meta s-Saċerdot Malti Gorg Preca ġie mgħolli għall ġieħ ta' l-artali. Hija ħelwa u fl-istess ħin interessanti d-devozzjoni li dan il-qaddis kellu lejn Ommna Marija.

Huma diversi fil-fatt l-istejjer u l-episodji li ġraw fil-ħajja ta' dan il-qaddis, li mhux biss juruna l-imħabba u d-devozzjoni li San Ġorġ kellu lejn Ommna Marija imma fl-istess ħin juru r-rabta li dan ħuna kellu ma' l-Omm tagħna tas-Sema. F'dan l-artiklu ser naraw ftit biss minn dawn l-episodji, bil-għan li waqt li nitgħallmu minnhom, nippruvaw insiru nixbhu lil dan il-qaddis fl-imħabba u l-vera devozzjoni lejn Ommna Marija Santissima.

Ir-rabta ħelwa ta' San Ġorġ Preca ma' Ommna Marija tibda saħansitra minn età ċkejkna meta nhar il-festa tal-Madonna tal-Karmnu fis-16 ta' Lulju waqt li missieru kien għall-festa fil-bazilika tal-Karmnu tal-Belt huwa ħass dwejjaq f'qalbu u talab lil Madonna biex tħares il-familja Preca. Dak il-ħin iċ-ċkejken Ġorġ kien ix-xatt tal-belt mas-seftura. F'ħin minnhom ra xi ħaġa f'wiċċ il-baħar. Ħaseb li bħalha seta' jżomm fuq wiċċ l-ilma u ta s-salt biex imur għaliha. U ħin bla waqt sab ruħu fl-ilma. Imma barklor li "nzerta" kien fil-qrib, sema' l-għajjat tas-seftura, qadef lejn it-tifel, tellgħu fid-dgħajsa u tah lis-seftura qawwi u sħiħ.

Maż-żmien, Ġorġ sar saċerdot u beda bil-missjoni tiegħu ta' tagħlim anke billi fost oħrajn waqqaf is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM). Huwa pero' jibqa ukoll magħruf kemm xerred id-devozzjoni lejn il-Midalja Mirakoluza tal-Madonna. Fost id-diversi episodji marbuta ma' din id-devozzjoni ta' Dun Ġorġ insibu fatt interessanti meta darba minnhom fil-Ħamrun wara ġlieda bejn il-ġirien, waħda minnhom ħassha ħazin u kienet qed tmut. Dun Ġorġ sejħulu biex imur jassistiha. Wara li rnexxielu jikkonvinċiha biex taħfer lill-ġara tagħha, huwa taha l-assoluzzjoni u għamlet mewta tajba. Aktar tard il-familjari tagħha sabu li hi kienet liebsa d-domna mirakoluza.

Darb'oħra Dun Ġorġ bagħat lil Nellie Bartolo, li kienet iddur bih, biex tmur tagħti domna tal-Midalja Mirakoluza lil oħtu Menta. Meta Nellie wasslitielha, hija laqgħeta bil-qalb, bisitha u libsitha. Dakinhar stess filgħaxija Dun Ġorġ ġie msejjaħ biex jassisti lil oħtu għax kien ħassha ħazin. Laħaq wasal fil-ħin biex jagħmlilha l-Grizma tal-Morda għax Menta mietet wara ftit. Għal darb' oħra l-intervent f'waqtu ta' Dun Ġorġ wassal biex persuna oħra tmut fil-grazzja t'Alla u bil-barka ta' Ommna Marija.

Episodju ieħor fil-ħajja ta' dan il-qaddis, huwa marbut ma' kwadru tal-Madonna tal-Bon Kunsill (Parir it-tajjeb)li huwa kellu fid-dar. Ta' kuljum huwa kien ilissen talba qasira quddiem din ix-xbieha. Darba minnhom Dun Ġorġ kien għaddej minn burraxka qawwija kontra tiegħu li kienet tqajmet minn individwu partikolari. Bħas soltu hekk kif kien għaddej minn quddiem din ix-xbieha huwa sellem lil-Ommna Marija. Dak il-ħin huwa sema' bħal vuċi ħierġa minn dak l-inkwadru li qaltlu "Serva Silentium" li tifsser "Żomm is-silenzju". Billi ma qal xejn lil ħadd fuq dik il-persuna partikolari Dun Ġorġ ħass paċi kbira f'qalbu. Marija f'dan l-episodju tat il-parir li Dun Ġorġ kellu bżonn f'dak il-mument diffiċli. Imdorrijjin nitolbu l-għajnuna ta' Marija fil-problemi tagħna?

San Ġorġ Preca jibqa' jissemma wkoll għan-numru bla għadd ta' kotba li kiteb mimlija tagħlim u pariri spiritwali. Fost dawn il-kitbiet wieħed isib numru kbira ta' talb u riflessjonijiet li dan il-Qaddis kiteb fuq Sidtna Marija. Dawn kollha jixhdu l-imħabba u d-devozzjoni sinċiera li dan is-Saċerdot zelanti kellu lejn il-Madonna waqt li huma ta' ezempju għalina bħala insara ta' kif għandhom ikunu l-imħabba u d-devozzjoni tagħna lejn il-Madonna. Devozzjoni sinċiera ibbazata l-ewwel u qabel kollox fuq imħabba qawwija għall-kelma t'Alla u fl-istess ħin rieda sħiħa li dejjem u f'kollox inwettqu l-pjan li Alla ħejja għal kull wieħed u waħda minna. Ejjew mela nitolbu lil San Ġorġ Preca biex ikompli jgħinna nħobbu kif jixraq lill-Mulej u lil Ommu Marija li tahielna biex tkun l-Omma tagħna lkoll.